MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 14/2001/1

**Rikors Numru: 14/2001GG**
**Angelo u Carmelo ahwa Sciberras**

**vs**

**Anthony *sive* Ninu Farrugia**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-2 ta' Marzu 2011 il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet **"Angelo Sciberras et vs Angelo sive Ninu Farrugia"** :-

*"Il-Bord*

*Ra r-rikors promutur:*

*Illi huma jikru lill-intimat ir-raba' denominat "Ta' Fulija" limiti Qrendi versu l-qbiela ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-*

*sena jithallsu kull Santa Marija b'lura, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 t'Awwissu 2001;*

*Illi r-raba' de quo mhux fonti importanti ghal-ghixien tal-intimat;*

*Illi inoltre l-esponenti jehtiegu jirriprendu pussess tar-raba' ghall-htigijiet taghhom;*

*Illi wkoll l-intimat kiser il-kundizzjonijiet lokatizzji billi ma hax kura adegwata tal-istess raba';*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess ta' dan ir-raba' u ghall-finijiet ta' dan l-izgumbrament jipprefiggi terminu qasir u perentorju salv il-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-benefikati jekk talvolta jkun il-kaz.*

*Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Anthony sive Ninu Farrugia li tghid:*

*Illi l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretenzjonijiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fil-konfront tal-intimat permezz tar-rikors minnhom ipprezentat fil-5 ta' Settembru 2001, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettu li dan il-Bord jichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti ahwa Sciberras.*

*Semgha l-provi;* ;

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-ripreza ta' dan ir-raba' fuq zewg premessi, wahda ghaliex ghandhom htiega tieghu biex juzawh huma stess u l-ohra ghaliex l-intimat ma hax kura kif suppost tal-ghalqa de quo. Dwar it-tieni premessa ma ngiebet l-ebda ombra ta' prova, liema prova kienet naturalment tinkombi lir-*

*rikorrenti. Mir-relazzjoni tal-periti membri jirrizulta illi dan ir-raba' huwa mahdum u koltivat tajjeb u l-uniku aspett negattiv li jemergi mill-istess relazzjoni hija l-menzjoni ta' "ftit imbarazz fejn il-bieb ta' barra li jaghti direttament ghat-triq". (fol 96). Certament li dan il-ftit imbarazz m'ghandux iwassal ghas-sanzjoni estrema tax-xoljiment tal-kirja u zgur li ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan il-Bord ghandu jiddelibera fit-tul ghal din l-allegazzjoni fiergha tar-rikorrenti;*

*Illi l-pern tal-kawza huwa proprju dak ravvizat fl-artikolu 4 (2) (a) tal-Kap 199 fejn il-Bord jista' jawtorizza r-ripreza tar-raba' mis-sid jekk dan ikun mehtieg sabiex ikun uzat personalment jew minn membri tal-familja tieghu. Illi dwar din id-disposizzjoni tal-ligi kien hemm diversi sentenzi li enuncjaw l-iter procedurali partikolari li ghandu jkun segwit mill-Bord. Fil-kawza* ***Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004,*** *l-Qorti rriteniet hekk:*

*Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Jane armla minn John Mary Calleja et vs Francesco Calleja ef,*** *Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi skont it-test tal-ligi fuq riprodott, "l-iter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien issegwenti:-*

*"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba' kien jehtiegu biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;*

*"(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;*

*"(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh."*

*Illi fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament gia assodat fil-gurisprudenza taghna, il-Bord ghadda biex jezamina dawn ir-rekwiziti applikati fil-kaz in dizamina. Dwar l-ewwel*

*rekwizit, jirrizulta mill-provi akkwiziti, illi z-zewg rikorrenti li huma ahwa, ghandhom xoghol fulltime, wiehed ghandu u jsuq xarabank u l-iehor ghandu negozju ta' sandblasting u t-tnejn isostnu li jehtiegu dan ir-raba' sabiex jimmiljoraw l-introjtu taghhom. Huma kienu jahdmu r-raba' ta' missierhom sakemm dan inqasam bejn l-ahwa kollha u ghalhekk ilhom ma jahdmu raba' ghal cirka hames snin. Kif gia, inghad, ir-raba' ta' missierhom kien inqasam bejn l-eredi u dawn iz-zewg rikorrenti wkoll hadu sehem minnu izda wiehed mir-rikorrenti messitu giebja kbira u l-iehor messitu l-art fejn ghandu n-negozju tal-blasting. L-art fejn hi sitwata l-giebja ghandha superfici ta' cirka tomna u nofs. Peress illi r-rikorrenti spiccaw minghajr raba' koltivabbli, huma xtraw ir-raba' mertu tal-kawza u li allura huwa mahdum mill-intimat. Ir-rikorrenti ma jghidux x'inhu l-prezz li bih xtraw dan ir-raba' li jikkonsisti f superfici ta' tlett itmiem u nofs u li ghalhekk irid ikun konsidrat illi kull rikorrenti qieghed jipprospetta li jahdem tomna u tliet kwarti kull wiehed biex b'hekk itejjeb l-introjtu tieghu. Dan l-ewwel rekwizit, fejn l-oneru tal-prova huwa fuq ir-rikorrenti, ma kienx imressaq b'mod daqshekk konvincenti fis-sens li ma jidhirx li verament ghandhom htiega li jirriprendu dan ir-raba' biex ikun utilizzat minnhom. L-intimat jghid li r-rikorrent Angelo Sciberras, oltre x-xoghol tieghu bix-xarabank, ibigh ukoll l-ilma mill-giebja msemmija permezz ta' bowser li tieghu issuplixxa wkoll in-numru ta' registrazzjoni. Ir-rikorrenti jichad dan u jghid li l-ilma juzah biex jissuplixxi l-htigijiet ta' hutu fir-raba' taghhom. Gratia argomenti kellu jkun accettat minn dan il-Bord illi r-rikorrenti ppruvaw l-ewwel rekwizit b'mod favorevoli, ma hemm l-ebda dubju li l-intimat wera b'mod konvincenti li dan ir-raba' huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Huwa ddikjara li l-uniku introjtu tieghu huwa mix-xoghol li ghandu bhala plasterer mal-Gvern izda, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2008 iddikjara li huwa pensjonant. Fi zmien li kien jahdem mal-Gvern allura kien jaqla' paga ta' ftit anqas minn erbat elef lira maltin ta' dak iz-zmien u kien juza din l-ghalqa biex ikabbar prodotti ghall-uzu mill-familja tieghu konsistenti f'martu u ibnu t-tnejn dipendenti minnu. Huwa manifest illi l-ghalqa hija mizrugha b'diversi ucuh u fejn ghandu l-istess prodotti dawn huma mqassmin f'partijiet diversi sabiex ma jilhqux*

*flimkien - haga din li turi li verament persuna qed tkabbar b'mod li jkollha hazna kemm jista' jkun spazjata;*

*Meta si tratta ta' min ser ibati l-aktar li kieku kellha tintlaqgha t-talba tar-rikorrenti, hija l-fehma ta' dan il-Bord illi ma hemm l-ebda dubju illi s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti hija ferma ahjar minn dik tal-intimat. It-tnejn ghandhom introjtu li huwa d-doppju tal-intimat (meta kien impjegat), t-tnejn ghandhom flus il-bank meta l-intimat ma ghandu xejn u t-tnejn ghandhom art li huma qeghdin juzaw ghal skopijiet ta' negozju taghhom. Hija ghalhekk il-konkluzjoni ta' dan il-Bord illi anke li kieku kien superat l-ewwel test favur ir-rikorrenti, certament mhux il-kaz fir-rigward taz-zewg testijiet l-ohra.*

*Ghal dawn il-motivi, jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Angelo u Carmelo ahwa Sciberras datat 14 ta' Marzu 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom imressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex takkolji t-talba taghhom in bazi ghall-ewwel kawzali minnhom promossa fir-rikors promotur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Anthony *sive* Ninu Farrugia datata 15 ta' April 2011 a fol 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord li Jiregola l-Kera hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Aldo Vella ghall-appellat prezenti u Dr. Alex Sciberras ghall-appellanti prezenti. Dr. Sciberras iddikjara li l-klijent tieghu minn dak iz-zmien spicca mill-impjieg u l-appellant Angelo Sciberras

bil-gurament tieghu ddikjara li rcieva bhala kumpens minghand il-gvern Lm25,000) (€58,250). Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ ismijiet premessi datata 2 ta’ Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-appell tar-rikorrenti appellanti jinghad li (a) trid issir korrezzjoni ghaliex l-isem l-intimat huwa ndikat zbaljatament fis-sentenza appelata u ghalhekk tehtieg l-appozita korrezzjoni (b) saret definizzjoni u applikazzjoni hazina tal-Ligi peress li r-raba’ *de quo* mhux mezz importanti tal-ghejxien tal-appellat intimat u dan ghaliex r-ripresa tar-raba fic-cirkostanzi tal-kaz ma kienx ser jaffettwa negattivament il-kwalita’ tal-hajja tieghu (**“Joseph Attard et vs Joseph Xerri”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Lulju 2007) u dan ghaliex r-raba’ ma gietx sfruttata b’mod accettabbli u regolari b’mod li wiehed jiehu l-prodott minnu konsistentement u b’mod sinfikanti (**“Concetta Cassar vs Alfred Zammit”** (A.I.C. – 27 ta’ Novembru 2009); (c) la darba allura t-tieni element ma giex sodisfatt mela il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ ma kellux jidhol fil-kwistjoni ta’ *hardship* ghaliex dan isir ghal kollox irrilevanti **“Giuseppe Mizzi et vs Joseph Sacco”** (A.C. – 31 ta’ Mejju 1996); **“Carmelo Mifsud et vs Carmelo Fenech”** (A.C. – 9 ta’ April 1979).

Illi dwar l-ewwel punt li qajjem l-appellant, fejn qed jghid li qabel xejn trid issir korrezzjoni ghaliex l-isem tal-intimat gie indikat hazin fis-sentenza, jirrizulta li l-isem tal-intimat gie indikat bhala Angelo Farrugia minflok dak ta’ Anthony *sive* Nino Farrugia.

Illi jinghad li l-punt ta’ zball fl-okkju tas-sentenza gie trattat diversi drabi fil-gurisprudenza tal-Qrati u issir riferenza ghas-sentenza **“Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe”** (P.A. 26 ta’ Gunju 1957) fejn intqal hekk:-

*“Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta’ wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta’ wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita’ ta’ dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200).”*

Illi l-istess fis-sentenza **“Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe”** (P.A. 10 ta’ Dicembru 1963):-

*“… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta’ xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita’ ta’ l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.”*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta’ l-attur, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet:-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **“Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*“… din il-Qorti fit-termini ta’ l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta’ li tikkoregi kull zball li jirrizulta f’kull att li*

*jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 fl-ismijiet* ***"Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt"*** *u s-sentenza fl-ismijiet* ***"Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja"*** *ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 l nfatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001). Hemm l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenzija moghtija fl-14 ta' April 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' ndividwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino"** (A.I. C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** li jghid hekk:-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi dawn l-istess insenjamenti gew segwiti f'kazijiet ta' zbalji fl-ismijiet tal-partijiet quddiem tribunali kwazi gudizzjarji bhalma huwa l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u fejn anke gie trattat il-punt jekk il-Qorti tistax tikkoregi isem tal-partijiet f'decizjoni hekk moghtija u fil-kawza **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004) inghad li dan ma jistax isir ghaliex *"l-izball .... sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar* ( u din) *tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u*

*jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."*

Illi fl-istess sentenzi citati anke ta' din il-Qorti fosthom dawk fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' April 2006) u **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004) u **"Anton Camilleri vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 21 ta' Gunju 2011) jinghad li johrog car li l-provedimenti ta' l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** jirreferu ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' Prim' Istanza (u *se mai* ta' kwalunkwe organu iehor), u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz id-decizjoni stess ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt dan huwa l-mertu ta' l-appell odjern.

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat b'sentenzi ohra recenti bhal dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Thomas Zahra et vs Raymond Parnis et"** (6 ta' Mejju 2011) fejn saret riferenza ghas-sentenza **"Vella vs Pace"** (A.C. – 20 ta' Marzu 1989). L-istess jinghad fis-sentenzi **"Catherine Caruana et vs Anna Sciberras"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003); **Edgar Galea et vs Alfred Sant Fournier et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Frar 2005); **"Gaetano Sammut et vs Pauline Sammut"** (A.I.C. (PS) – 15 ta' Dicembru 2003); **Anthony Debrincat vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Lulju 2006).

Illi jigi rilevat li hawn ma huwiex qed jigi trattat punt fejn l-isem gie miktub hazin izda li hemm isem differenti ta' wahda mill-partijiet minn dak li gie indikat fis-sentenza u l-korrezzjoni li jidher li qed jigi mplikat li ghandha ssir hija minn din il-Qorti, u mhux mill-Qorti li tat l-istess decizjoni, haga li skond it-termini tal-Ligi u l-gurisprudenza kostanti ma tistax issir, ghaliex hija l-Ewwel Qorti jew Tribunal li tista' tirranga tali zball.

Illi dan l-izball indikat mertu tal-kawza odjerna ma jistax taht l-ebda cirkostanzi jigi korrett minn din il-Qorti, anke fil-

kaz ta' qbil bejn l-istess partijiet, u dan ghas-semplici fatt, li tali zball jista' jittranga biss mill-Qorti jew Tribunal li ta d-decizjoni u allura ma hemm l-ebda alternattiva fl-istat tal-Ligi kif inhi li d-decizjoni tigi, kif qed tigi, annullata, u l-atti qed jigu rimandati lill-Bord.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellat datata 15 ta' April 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell sollevat mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 14 ta' Marzu 2011 fis-sens li jirrizulta li hemm zball fl-isem tal-intimat fid-decizjoni tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fl-ismijiet "Angelo Sciberras et vs Angelo sive Ninu Farrugia" datata 2 ta' Marzu 2011 (Rikors Numru 14/2001) u dan ghaliex l-isem tal-intimat huwa indikat hazin u ghalhekk tali decizjoni hija skond il-Ligi nulla u bla effett minhabba li l-okkju tal-istess decizjoni huwa skorrett, u b'hekk thassar u tirrevoka l-istess decizjoni u tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni.**

**Bl-ispejjez stante n-natura tal-kaz jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------